**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Meriam Abdussalam Mouaddea**

**Kumpilazzjoni Numru: 998/2010**

**Illum, 13 ta' Gunju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Meriam Abdussalam Mouaddea detentrici tal-passaport numru K741836.

Akkuzata talli:

> Fl-14 ta' Lulju 2010, f'xi hin wara d-9:00 a.m. waqt li kienet qed tigi skortata minn ufficjal tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin gewwa l-Isptar Pawlu Boffa fil-Floriana, ikkommettiet harba semplici bi ksur, dan bi ksur tal-Artikoli 151 u 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri kontra l-imputata jirrivolvu aktar fuq is-sitwazzjoni ta' sahha tal-imputata milli fuq il-mertu. Dan ghaliex filwaqt ma giex ikkontestat il-fatt illi l-imputata harrbet mill-kustodja tal-pulizija, aktar kien hemm enfazi fuq 'il ghala ghamlet dan il-gest.

Illi din il-Qorti mhix ser toqghod tidhol fuq ix-xhieda dwar il-harba u dan ghaliex hareg ampjament car mid-deposizzjoni tal-ufficjali involuti, illi l-imputata harrbet mill-kustodja taghhom nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2010.

Illi mbaghad dawn il-proceduri ttawwlu peress illi l-imputata giet evalwata mill-psikjatra mqabbad mill-Qorti u cioe` Dr. Jean Pierre Giorgio li bix-xhieda tieghu tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2012, permezz ta' rapport prezentat fl-atti, huwa spjega l-istat mentali tal-imputata specjalment meta din thossha rekluza b'xi mod u dan anke in vista tal-passat taghha fi Tripoli.

Illi din il-Qorti ukoll rat illi l-imputata kellha wkoll problemi kbar ta' sahha fejn hija kellha tissottoponi ruhha ghal intervent kirurgiku pjuttost serju.

Illi rat ukoll dokument ipprezentat mid-difiza li juri li l-imputata nghatat l-istat ta' Protezzjoni Umanitarja Temporanja u dan minhabba l-kundizzjoni ta' sahha taghha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 151 u 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata **Meriam Abdussalam Mouaddea** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

____________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**